MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2004

Appell Kriminali Numru. 121/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Clint Calleja**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Clint Calleja talli:

F’dawn il-Gzejjer u cioe` f’Islet Promenade San Pawl il-Bahar, nhar l-1 ta’ Lulju 2001, ghall-habta tal-10:00pm, minghajr il-hsieb li joqtol lil Ashley Falzon Bakebread, jew li jqieghed il-hajja tieghu f’periklu car, ikaguna hsara fil-gisem u cioe` ikkaguna soft tissue injury fil-lemin u xellug periodical region, fracture fl-assett nasali, li hsara fil-gisem hija gravi ghaliex iddum ghal-tletin gurnata jew izjed,

inkella ghaldaqshekk zmien u dan kif iccertifika t-tabib Dr. Edward Despott M.D.;

Ukoll talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor;

Ukoll talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi, qal kliem oxxen jew indecenti, ghamel atti w gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat is-6 ta' Novembru 2001 biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-1 ta' Gunju 2004 li permezz taghha dik il-Qorti lliberat lill-appellant (allura imputat) mit-tielet imputazzjoni izda sabitu hati ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet u kkundannatu ghall-hlas ta' ammenda ta' ghoxrin liri Maltin (Lm20) dwar it-tieni imputazzjoni filwaqt li ghall-ewwel imputazzjoni lliberatu ghal perijodu ta' tliet snin mid-data tas-sentenza appellata bil-kundizzjoni li ma' jaghmilx reat iehor f'dak il-perijodu;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Clint Calleja pprezentat fid-9 ta' Gunju 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti joghgobha tvarja w tirriforma s-sentenza appellata moghtija billi filwaqt li tikkonferma l-istess fejn sabet lill-appellant mhux hati tat-tielet imputazzjoni, tirriforma l-kumplament taghha billi thassar dik il-parti fejn sabitu hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u minflok tilliberah minnhom u dana minn kull imputazzjoni w piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni ta' Dott. Raphael Fenech Adami ghall-appellant u ta' Dott. Anthony Barbara ghall-appellat;

Ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant jirrigwarda t-tieni imputazzjoni li hi ta' natura kontravvenzjonali u li jsostni li

tinsab preskritta bid-dekors tal-perijodu ta' tliet xhur stante li filwaqt li l-allegat incident inqala' fl-1 ta' Lulju 2001, l-appellant (allura imputat) gie akkuzat quddiem l-ewwel Qorti fis-6 ta' Novembru 2001.

Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan l-aggravju. It-tieni imputazzjoni hija kontravvenzjoni li ghaliha tapplika l-preskrizzjoni trimestrali skond il-paragrafu (f) ta' l-artikolu 688 tal-Kodici Kriminali. Mill-atti jirrizulta li l-appellant tressaq il-Qorti akkuzat bid-diversi imputazzjonijiet addebitati lilu fis-6 ta' Novembru 2001. It-tieni imputazzjoni tirrigwarda incident li allegatament sehh, bhall-imputazzjonijiet l-ohra, fl-1 ta' Lulju 2001, jigifieri aktar minn erba' xhur qabel ma l-appellant tressaq il-Qorti. Ghalhekk m'hemm l-ebda dubju li l-azzjoni fir-rigward ta' din it-tieni imputazzjoni giet preskritta u l-aggravju ta' l-appellant f'dan ir-rigward jimmerita li jigi milqugh.

It-tieni aggravju jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni u hawn l-appellant isostni li ma giex ippruvat minghajr ebda dubbju dettat mir-raguni li l-ferita nflitta kienet wahda ta' natura gravi per durata. Huwa jghid hekk:

"i) L-artikolu rilevanti huwa dak indikat fl-artikolu 216(1)(d) Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddeskrivi l-offiza in kwistjoni bhala dik li *'ggib marda … tal-gisem li ddum ghal <u>tletin gurnata jew izjed</u> …."*

ii) Illi dwar in-natura tal-ferita, l-Ewwel Qorti qalet semplicement is-segwenti: *'Illi dwar jekk il-ferita hi klassifikabbli bhala gravi l-Qorti tistrieh fuq ix-xhieda tat-tabib (fol. 63) li kien l-ewwel li mmedika lill-kwerelant meta dan iddahhal l-emergenza l-Isptar San Luqa u rriskontralu ksur fl-ghadma tal-imnieher li kklassifikaha bhala gravi. Jirrizulta fil-fatt li l-fejqan <u>irrikjeda</u> perijodu ta' <u>bejn tliet gimghat u xahar</u>'*.

iii) Illi bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Qorti jekk hija strahet fuq ic-certifikat tat-tabib Dr. Despott ghal tali klassifikazzjoni, l-istess Qorti QATT ma setghet tasal ghal konkluzjoni konvincenti li l-ferita kienet sejra ddum aktar minn tletin gurnata biex tfieq u dana johrog kemm mill-

istess argument tal-Qorti u kif ukoll mix-xhieda tal-istess tabib.

iv) Il-Qorti titkellem fuq li *'l-fejqan irrikjeda'* cioe` fil-passat bhallikieku kellha xi certifikat li hareg wara li kien sehh il-fejqan. Dan fil-fatt ma sehhx u difatti c-certifikat tat-tabib Despott jitkellem fuq kalkolu kemm kien qed jahseb li setghet sejra ddum tali ferita biex tfieq u mhux kemm fil-fatt damet biex tfieq. It-tabib stess ighidilna li ma setax jikkonferma kemm fil-fatt damet biex tfieq peress illi wara dak in-nhar tal-Emergenza, huwa qatt ma rega' ra lil dan il-pazjent cioe` lil parte civile.

v) Inoltre jinghad ukoll mill-istess tabib Despott fic-certifikat mahrug minnu li huwa kien qieghed jikkalkola li l-fejqan kien ser jirrikjedi bejn tliet gimghat u xahar u f'ebda hin ghalhekk ma jghid li din setghet iddum AKTAR MINN XAHAR kif tirrikjedi l-ligi ghal gravi per durata.

vi) Ad vernatim Dr. Edward Despott M.D. ighid hekk dwar il-ferita: ***'Jiena bhala fatt, lil dan Asley Falzon, li tieghu jiena rigt ic-certifikat, jiena ma kontx rajtu sussegwentement. <u>Ghalhekk ma nistax nghid kemm dam biex ifieq</u>. Niccara pero` illi jiena qabel ma gejt nixhed fittixt fir-records tal-isptar u minn hemm ma rrizulta xejn. Nikkonferma li fittixt f'dak il-perijodu'*****.**

vii) Illi l-istess offiz Falzon ighid hekk dwar il-ferita: *'Mistoqsi kemm dam miksur imniehri cioe` kemm dam ma fieq kompletament nghid illi circa xahar'*. L-offiz stess ghalhekk ukoll jikkonferma li ma damx aktar minn xahar biex ifieq.

viii) Illi in vista tal-premess ghalhekk ghandu jidher car u tond li ma tezistix prova wahda li b'xi mod tindika (u wisq anqas sal-grad ta' konvinciment morali kif legalment rikjesta f'process kriminali) li l-ferita damet 'tletin gurnat jew izjed' biex tfieq ai termini tal-ligi u ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet zbaljata kemm legalment u kif ukoll fattwalment meta waslet ghal konkluzjoni taghha partikolarment meta tqis li hija strahet fuq prova medika li tghid il-kuntrarju ghal dak li fehmet l-Ewwel Qorti".

Dan l-aggravju, apparti l-interpretazzjoni ta' l-artikolu 216(1)(d) tal-Kap. 9, jikkoncerna principalment kwistjoni ta' apprezzament ta' fatti. Huwu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Issa jigi ccarat mill-ewwel li l-artikolu 216(1)(d) ma jghidx li biex ikun hemm offiza gravi *per durata*, tali offiza trid tkun damet "aktar minn xahar" biex tfieq (kif jghid l-appellant fil-hames paragrafu hawn fuq citat). Kliem il-ligi huwa carissimu u jsemmi perijodu ta' **"tletin gurnata jew izjed"**. Jigifieri l-fejqan ta' l-offiza, biex jissussisti r-reat in ezami, irid ikun ipperdura almenu "tletin gurnata" jew "izjed minn tletin gurnata". Dak li din il-Qorti trid tara ghalhekk huwa jekk l-ewwel Qorti setghetx ragjonevolment u legalment fuq il-bazi tal-provi mressqa tikkonkludi li l-offiza li sofra Ashley Falzon Bakebread f'imniehru damitx <u>ghall-inqas</u> tletin gurnata biex tfieq.

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Issa bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** deciz fit-30 ta' Lulju 2004:

"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda <u>ta' fatt</u> u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad - il-magistrat - u issa f'idejn l-imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq 'opinjoni medika'. It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' x'hiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza".

L-ewwel Qorti effettivament waslet ghall-konkluzjoni li l-vot tal-ligi f'dan il-kaz kien soddisfatt a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi dwar jekk il-ferita hi klassifikabbli bhala gravi l-Qorti tistrieh fuq ix-xhieda tat-tabib (fol. 63) li kien l-ewwel li mmedika lill-kwerelant meta dan iddahhal l-emergenza l-isptar San Luqa u rriskontralu ksur fl-ghadma tal-imnieher li kklassifikaha bhala gravi. Jirrizulta fil-fatt li l-fejqan irrikjeda perijodu ta' bejn tliet gimghat u xahar. Fil-kuntest ta' din il-ferita, senjatament ghall-konsegwenzi li halliet, gew esebiti 'ex parte' zewg certifikati medici li pero` baqghu ma gewx konfermati mill-konsulenti medici li rrilaxxjawhom b'dan li difficilment jikkostitwixxu u jistghu jittiehdu bhala prova valida u univoka tal-kontenut taghhom."

Jigifieri l-ewwel Qorti, a bazi ta' dak li xehed it-tabib Dr. Edward Despott li kkonferma li rrilaxxja c-certifikat esibit a fol. 15 tal-process u mnejn jirrizulta li kien ezamina lil Ashley Falzon Bakebread, sab li kellu ksur tal-ghadam tal-imnieher u kklassifika tali offiza bhala wahda gravi per

durata, u a bazi tax-xiehda ta' l-istess Ashley Falzon Bakebread dwar kemm dam il-perijodu ta' fejqan (fil-fatt, ghalkemm fis-7 ta' April 2003 semma' perijodu ta' bejn tliet gimghat u xahar, kien diga` xehed fl-24 ta' Jannar 2002 u qal li mniehru kien dam "circa xahar" biex ifieq), waslet ghall-konkluzjoni li l-imsemmi Falzon Bakebread garrab offiza ta' natura gravi fit-termini ta' l-artikolu 216(1)(d) tal-Kap. 9. Issa huwa veru li t-tabib Dr. Edward Despott xehed li ma setax jghid kemm dam l-appellant biex ifieq peress li ma regax rah, pero` din, anke fuq l-iskorta tas-sentenza fuq citata, mhijiex raguni mpellenti ghala ghandha tiddipartixxi mill-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti. Ghalhekk dan l-aggravju qieghed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u filwaqt li tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni u minflok tiddikjara tali imputazzjoni preskritta u tilliberah minnha, tikkonfermaha fil-kumplament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------